FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' MEJJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

Vs

Simon Cassar
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita 360978m talli:

1. fil-lejl ta' bejn 14 ta' April 2004 mu 15 ta' April 2004, fil-Fgura fi Triq San Pietru assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija;
2. fl-istess data hin lok u cirkostanzi volontarjament taw in-nar lil dar ta' abitazzjoni u cioe No. 6 Pauline House, sitwata fi Triq San Pietru, Fgura , meta hemm gew kien hemm persuna filwaqt tal-hruq;
3. fl-istess data hin lok u cirkostanzi bil-qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;
4. fl-istess data hin lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu hsara lil xi persuna, akkuzaw li dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienu jafu li dik il-persuna hija innocenti;
5. fl-istess data hin lok u cirkostanzi, iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
6. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data hin lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innfushom jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm jew gharrqu b'xi mezz li jkun hwejjeg taghhom;
7. Omissis;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ir-rinviju ghall-gudizzju jixli lill-imputat bis-segwenti reati taht il-Kap 9;

- l-associazzjoni ai termini tal-Artikolu 48A;
- hruq f'dar ta' abitazzjoni taht ic-cirkostanzi tal-Artikolu 316(b);
- bil-holqien qarrieqi ta' provi foloz ai termini tal-Artikolu 110 (i) u (ii);
- b'kalumnja ai termini tal-Artikolu 101;

Il-fatt li taw lok ghal dawn il-proceduri huma ben spiegati mill-Assistent Kummissarju (allura Spettur) Silvio Valletta u jikkoncernaw dar ta' abitazzjoni bl-isem 'Pauline House', numru 6, Triq San Pietru, Fgura. Id-dar kienet allura r-residenza tal-konjugi Cassar u t-tifel taghhom ta' eta' zghira. Sa mill-bidu tal-investigazzjoni fuq dan il-kaz il-pulizija issospettat li n-nar sehh dolozament minn mart l-imputat odjern.

Ikun utili f'dan l-istadju li jkun spiegat li l-akkuzi originali kienu hargu u jikkomprendu wkoll mart l-imputat, ossija Jennifer Cassar, li mietet pendenti l-proceduri , certifikat tal-mewt taghha folio 342, li fil-konfront taghha gie dikjarat procediment esawrit.

Issa, fil-konfront taghha l-Qorti ghandha stqarrija u diskors li kienet stqarret mal allura ufficjali prosekuturi meta mitkelma qabel ma rrilaxxjat l-istqarrija. Iz-zewg istanzi, pero', pprecedew bil-bosta d-drittijiet li huma illum applikabbli lill-kull imputat u li ghab-bazi ta' jurisprudenza stabbilita jrendu z-zewg istanzi privi minn kull valur probatorju u inammissibli.

Huma fuq dawn id-dikjarazzjonijiet biss li gie u jinsab involut fil-kaz l-odjern imputat ghax altrimenti m'hemm ebda prova li tista' twassal ghall-konvicju tieghu ai termii tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali. Li jirrisulta bhala fatt accertat hu l-hruq doluz ghab-bazi tal-Artikolu 316(b) tal-Kap 9.

Ghaldaqstant tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat